**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 13 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 756/02 AJD**

**Continental Cars Ltd.**

**vs**

**Saviour Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm420.98), prezz ta' 'spare parts' u tiswijiet esegwiti fuq inkarigu tal-konvenut fuq il-vettura tal-marka Seat Toledo, numru tar-registrazzjoni ACE 110.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet minn Awissu, 2001, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Kenneth Borg, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm420.98), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**